Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija

IS-SITT LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 59

16 ta’ Frar 2017

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tinghi, Xewkija, Għawdex fl-4.40 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

George Zammit - Kunsillier

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard - Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Odette Camilleri - Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

**59.1 Qari tal-Ittri ta' apoloġiji;**

n/a

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

59.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 58 ġew approvati.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.3.1 Is-Sindku nforma lil membri li l-Asst. Principal Mary Haber bgħatet ittra lil Kunsill sabiex tiġi approvata t-talba tagħha biex terġa taħdem bir-*reduced hours*. Il-membri ma sabu ebda oġġezzjoni f'dan ir-rigward iżda qablu li qabel għandha tittieħed id-direzzjoni tad-Direttur tal-Kunsilli Lokali.

59.3.2 Emejl minngħand il-Każin tal-Banda sabiex jitneħħew il-*floodlights* li hemm fuq il-bejt tal-każin u minflok jeħlu faċċata tal-Każin, jiġifieri mal-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill. Il-membri ma approvawx din it-talba.

59.3.3 Rigward il-*Musical* li ser jitella' fil-Knisja, is-Sindku sostna li din l-Attivita' ser titniżżel fil-Kalendarju tal-Kunsill u tattira' aktar turisti peress li dan il-*musical* ser isir fuq skala Nazzjonali. Il-membri qablu li jinġabru *sponsors* minn għaqdiet u l-Kunsill ma joħroġx aktar minn €3000.

59.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li l-bilanċ ta' UIF sal-31 ta' Diċembru 2016 kien ta' €96792.86.

59.3.5 Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu li l-Kunsill jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-attivita' tal-Karnival fl-iskola primarja.

59.3.6 Il-membri qablu li Triq Sansun għandha tingħata l-*patching* neċessarju mill-Kunsill.

**59.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

59.4.1 Il-Kunsillier Saliba propona sabiex fi Fiori d'Argenta tas-sena d-dieħla, jiġi mistieden tifel ta' 8 snin li hu għannej. Il-membri qablu.

59.4.2 Il-Kunsilliera Attard proponiet li terġa tibda' ssir *Il-Fidwa* fi Gnien ta' Blankas u għalhekk għandhom isiru d-diskussjonijiet neċessarji ma' l-Għaqda Drammatika. Il-Kunsillier Saliba wera' x-xewqa li jesebixxi l-mejda ta' l-

appostli fi Gnien ta' Blankas. Il-membri qablu li din issir u l-Kunsillier Saliba għandu jieħu ħsiebha.

59.4.3 Il-membri ma qablux li ssir tabella tal-parkeġġ *except Sundays and public holidays* waqt il-ħinijiet tal-quddiesa fi Triq San Zakkarija peress li l-karozza tal-linja ma tkunx tista' tgħaddi.

59.4.4 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-membri illi f'Tal-Horob reġew intremew xi affarijiet. L-Aġent Seg. Eżekuttiv għandha tibgħat lil ħaddiema tal-Kunsill sabiex jinġabru.

59.4.5 Il-membri qablu li għandu jsir *traffic managament* fejn il-Mużew tas-Subien u tinżebgħah l-*Stop sign* fi Triq l-Għarus.

**59.5 Il-Finanzi tal-Kunsill**

59.5.1 Il-membri approvaw l-*Annual Report and Financial Statements* kif ukoll il-*Cash Flow Forecasts* tal-Kunsill.

**59.6 Karnival 2017**

59.6.1 Il-preparamenti għal attivita' tal-Karnival li ser isir il-Ħadd, 26 ta' Frar 2017 huma kollha lesti. Il-membri qablu li l-Kunsill jikkomunika mas-Sur Mario Borg u s-Sur Alfred Hili sabiex isir il-Karnival spontanju.

**59.7 Ħatra ta' membri għal bord tal-vakanza ta' Seg. Eżekuttiv**

59.7.1 Is-Sindku nforma lil membri illi s-Seg. Eżekuttiv tax-Xagħra ma setgħax joqgħod f'dan il-bord u għalhekk avviċina lis-Seg. Eżekuttiv ta' Pembroke li aċċetta li jkun f'dan il-bord bħala Segretarju. Is-Sindku nforma wkoll lil membri li s-Sur Caruana – Kunsillier ta' Għajnsielem aċċetta li jkun ukoll fil-bord.

**59.8 Tiswijiet tat-toroq tal-lokalita'**

59.8.1 Il-Kunsillier Zammit propona sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex tinkesa bit-tarmac Triq il-Pitkalija. Il-Viċi Sindku kompla li għandha ssir lista' ta' toroq li għandhom bżonn il-*patching* u dawk li jaqgħu taħt il-Gvern Centrali ssir talba sabiex isiru. Il-membri qablu.

59.8.2 Il-Kunsilliera Attard proponiet li Triq Gorgun titqaxxar u ssir kisja waħda. Il-membri qablu li din il-materja għandha tgħaddi għal attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex.

**59.9 Qorti**

59.9.1 Is-Sindku nforma lil preżenti li ġie preżentat kontro protest mill-Kunsill lil GV Developments.

**59.10 Il-binja tal-Kunsill il-ġdid**

59.10.1 Il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet sabiex isiru l-bibien ta' l-aluminium ta' wara tal-binja tal-Kunsill.

**59.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

59.11.1 L-iskeda ta' pagamenti 17-59 ġiet approvata.

**59.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

59.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40 ta' fil-għaxija. Is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2017 fil-4.00 ta' wara nofs in-nhar.

Konfermati, illum it-Tlieta 11 ta' April 2017

IFFIRMATA IFFIRMATA

Paul Azzopardi Ivan Attard

Sindku Aġent Seg. Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew preparati minn Odette Camilleri ex/Aġent Seg. Eżekuttiv u ffirmati minn IvanAttard Aġent Seg. Eżekuttiv.